MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2005

Numru 280/2000

**Il-Pulizija**
**Spettur Abraham Zammit**
v

**JOSEPH CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH CAMILLERI** ta' tmienja w ghoxrin sena bin Carmelo u Concetta nee Scicluna, imwieled Pieta nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Jannar 1972 u joqghod Block C, Flat 2, Qasam tad-Djar ta' Hat-Tmiem, Zejtun, detentur tal-karta tal-identita numru 108072M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dan il-Gzejjer fit-tmienja w ghoxrin ta' Ottubru 1998, u matul fis-sitt xhur qabel din d-data kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi

Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba w s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi skur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond l-ligi tordna lil imptuat sabiex jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali datat tletin ta' Ottubru 2000 ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) esibit a fol 4 tal-atti processwali.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti inkluz s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per l-allura Magistrat Dottor Noel Cuschieri nhar t-tnax ta' Dicembru 2000 [fol 6] u s-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif preseduta datata ghaxra ta' Dicembru 2003 [fol 28].
Il-Qorti diversament preseduta dehrilha, wara li hadet kont tac-cirkostanzi tal-kaz inkluz ix-xorta tar-reat u l-kondotta tal-hati, li kien spedjenti li taghmel ordni ta' probation u ghalhekk nhar t-tnax ta' Dicembru 2000 kient poggiet lil hati taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; llum artikolu 7 tal-Kap 446 u dan taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal tal-Probation Carmen Nygaard.

Illi nhar d-dsatax ta' Novembru 2002 l-Ufficjal tal-Probation kienet ippresentat nota fejn kienet iddenunzjat lil imputat

probationer odjern peress li kien naqas li jzomm ruhu f'kuntatt maghha skond d-direttivi moghtija lilu u dan b'mod partikolari sabiex jiehu l-kura mehtiega minhabba l-vizzju tad-droga.

Illi l-Qorti appuntat din in-nota ghas-smiegh u **fl-erbatax ta' Frar 2003 xehdet l-Ufficjal tal-Probation Carmen Nygaard** [fol 13] li spjiegat li l-imputat probationer ma kienx qed jzomm l-appuntamenti tieghu maghha u kien qed jevitha. Gara wkoll li kien qabez xi testijiet tal-awrina u rrizulta li kien irrilapsja u li reggha beda jiehu d-droga u ghalhekk peress li l-ordni tal-probation kienet ser tiskadi, hasset il-htiega li taghmel l-istess denunzja.

Illi **nhar s-sbatax ta' Marzu 2003, l-Ufficjal tal-Probation Carmen Nygaard regghet giet prodotta** sabiex tixhed [fol 16] u mix-xhieda taghha rrizulta li ghalkemm il-probation order spiccat fuq l-imputat, hija baqghet ssegwih u saret taf li kien qed jzomm kuntattt regolari mal-Caritas, pero mill-feedback li kellha rrizultalha li kienet ghadha ma ttihditx decizjoni mill-Caritas jekk l-programm essezzjali hux tajjeb jew le ghal imputat. Qalet li sa dakinhar l-imputat kellu impjieg regolari.

**Illi nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Lulju 2003 regghet xehdet l-Ufficjal tal-Probation Carmen Nygaard** [fol 21] fejn qalet li sa dakinhar l-imputat kien ghad kellu impjieg regolari mal-Koperattiva tal-Indafa Pubblika, li kien qed jzomm kuntatt mat-tobba tad-Detox, li kien qed jaghti urine tieghu b'mod regolari u sa fejn kienet taf hi, kien *clean*. Qalet wkoll li sa dakinhar kien sejjer tajjeb.

**Illi nhar l-ghaxra ta' Dicembru 2003 regghet xehdet l-Ufficjal tal-Probation Carmen Nygaard** [fol 26] fejn qalet li sa dakinhar l-imputat probationer kien qed jzomm kuntatt regolari maghha. Qalet li l-ahhar urine li ttehidlu b'mod sorpriz kien fis-sitta ta' Novembru u ta rizultat negattiv ghal presenza ta' droga. Qalet li ghal dawk l-ahhar tlett xhur l-imputat kien qieghed peress li l-kumpanija Public Cleaners Co-op Limited fejn kien jahdem qabel sfat bla xoghol pero kien f'kuntatt regolari mal-ETC u li sussegwentement kien ser jibda jaghmel xi

kors. Qalet li fil-fehma taghha kien hemm bzonn li l-probation tigi estiza.

Illi fit-tmintax ta’ Marzu, 2004, is-Senior Probation Officer Miriam Sevasta, ppresentat rikors fejn talbet illi l-Ufficjal tal-Probation Carmen Nygaard, tigi sostitwita bl-Ufficjal tal-Probation Maryanne Zammit u dan ghaliex l-istess Carmen Nygaard, ma kienetx ghada impjegata mas-Servizzi tal-Probation. Illi l-Qorti kienet laqghet tali talba u b’digriet taghha tat-tnejn u ghoxrin ta’ Marzu, 2004 hija kienet sostitwit l-Ufficjal tal-Probation Carmen Nygaard permezz tal-Ufficjal tal-Probation Maryanne Zammit.

**Illi nhar t-tlieta ta' Awissu 2004 l-Ufficjal tal-Probation Mary Anne Zammit** kienet ippresentat nota [fol 33] fejn kienet iddenunzjat lil imputat probationer odjern peress li kien ghalkemm kien qed jzomm ruhu f'kuntatt maghha skond d-direttivi moghtija lilu naqas li joqghod ghad-direttivi moghtija lilu sabiex jieqaf mill-vizzju tad-droga u jaghmel hiltu sabiex isib xoghol jew jidhol isegwi programm ta' rihabilitazzjoni kontra l-abbuza tad-droga.

Illi nhar s-sittax t'Awissu 2004 xehdet **l-Ufficjal tal-Probation Mary Anne Zammit** [fol 35] fejn qalet li hi kienet qed issegwi lil imputat probation u kien ilha hekk minn April 2001. Qalet li kellha informazzjoni li kien ghadu qed jabbuza b'certu sustanza u wara li ghamlet minn kollox biex dan imur ghand Doctor Ellul, l-imputat naqas li jaghmel dan. Qalet li hi pprovat tghinu sabiex jibda programm residenzjali pero hu rrifjuta. Ix-xhud kompliet tghid li kellha problema mieghu sabiex tehodlu urine sample wkoll.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin t'Awissu 2004 regghet xehdet **l-Ufficjal tal-Probation Mary Anne Zammit** [fol 39] fejn qalet li in segwitu ghax-xhieda precedenti taghha, kien sar arrangament mat-Detox Outpatient u nhar t-tmintax ta' Awissu 2004, l-imputat probationer kien mar ghand Doctor Ellul sabiex jaghti urine sample liema rizultat kien wiehed negattiv. L-istess kien rega' sar fid-dsatax ta' Awissu 2004, fejn r-rizultat kien ghad ma kelllhiex. Qalet li t-tabib kien ser jerga jara lil Joseph Camilleri fit-tnejn ta'

Settembru 2004 u kellu jsir referral biex dan jidhol f'Dar l-Impenn kif wkoll jattendi ghal counselling u b'hekk Joseph Camilleri jehles mill-problema tat-tehid tad-droga darba ghal dejjem. Qalet li hutu kienu lesti li jimpjegawh appena jehles minn dan il-vizzju tat-tehid tad-droga.

Illi nhar l-hamsa ta' Ottubru 2004 regghet xehdet **l-Ufficjal tal-Probation Mary Anne Zammit** [fol 45] fejn qalet li in segwitu ghax-xhieda precedenti taghha, r-rizultat tal-urine sample mehud fid-dsatax ta' Awissu 2004 kien wiehed posittiv ghal Eroina. Qalet wkoll li t-Tlieta ta' qabel kien rega' sar test tieghu, baghtet ghalih pero naqas li jattendi. Qalet li dakinhar kien ippresentalha ittra li esibit fl-atti bhala dokument S, fejn wera l-intenzjoni li jibda programm residenzjali, pero meta tkellmet mieghu dan Joseph Camilleri qalilha li ma xtaqx jaghmel programm residenzjali. Qalet li hu mhux dejjem zamm kuntatt maghha meta hi baghtet ghalih u li kien mar ghandha xi darbtejn u dan bi tqanzih wara li toqghod iccempillu d-dar.

**Nhar l-hamsa ta' Ottubru 2004, l-imputat probationer Joseph Camilleri xehed** [fol 50] fejn stqarr li mhux dejjem imur ghand l-Probation Officer meta din tibghat ghalih u dan ghaliex mhux dejjem jkollu flus ghal tal-linja. Qal pero li kien icemplilha meta ma jkunx ser imur. Qal li hu ma jghix mal-genituri tieghu u li ommu ma taghtihx flus. Qal li kien jaf wkoll li jekk ma jobdiex l-ordnijiet moghtija lilu setgha jispicca l-Habs.

Illi nhar l-ghaxra ta' Novembru 2004 regghet xehdet **l-Ufficjal tal-Probation Mary Anne Zammit** [fol 52] fejn qalet li in segwitu ghax-xhieda precedenti taghha, Joseph Camilleri kien mar biex jibda programm Santa Marija izda wara gimgha rega' bdielu pero ghamel gimgha Dar l-Impenn. Qalet li l-imputat irid jaghmel impenn minn naha tieghu ghalkemm daqsxejn ta' progress kien ghamel.

Illi nhar l-ghaxra ta' Novembru 2004 xehed **David Azzopardi** [fol 53] fejn qal li hu jahdem fid-Sedqa fuq xoghol ta' counselling u li kien ilu jsegwi lil Joseph Camilleri ghal dawk l-ahhar snin u li minkejja dan kellu problema ta' droga, kien bniedem korrett hafna fis-sens li

dejjem jzomm l-appuntamenti tieghu. Qal li ddahhal Dar l-Impenn, s-Sedqa sabiex jitnaddaf u jittisintossika ruhu. Qal li sa dakinhar kien clean pero wara gimgha kien hassu homesick minhabba t-tfajla u kien hareg mill-programm u mar lura d-dar. Ix-xhud kompla jghid li hu baqa jsegwih darba fil-gimgha fuq counselling u jiehu urine sample tieghu. Qal li bir-rizultati kienu qed jigu nfurmati kemm ommu kif wkoll t-tfajla tieghu.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Novembru 2004 **l-Ufficjal tal-Probation Mary Anne Zammit** kienet ippresentat nota ohra [fol 57] fejn kienet iddenunzjat lil imputat probationer odjern peress li kien ghalkemm kien sar kull sforz possibbli minn naha tal-Probationer kif wkoll mis-Sedqa, Joseph Camilleri kien ghadu jabbuza mid-droga. Qalet li nhar l-ghoxrin ta' Ottubru 2004 Joseph Camilleri kien dahal jsegwi programm ta' disintossifikazzjoni ghal perjodu ta' gimgha, wara xi jiem iddecida minn jeddu li jitla ghall-programm residenzjali ta' Santa Marija fejndam biss xi jiem. Qalet li wara li hareg irnexxielu jzomm boghod mid-droga ghalkemm ghal perjodu qasir. Ix-xhud qalet li Joseph Camilleri kien ghadu ghaddej mill-istess problema, dejjem jghid li ser isib xoghol pero kien jidher li hutu ma riedux jhaddmuh. Spjegat li fil-fehma taghha Joseph Camilleri donnu irid jibqa ghaddej bl-istess hajja u dan setgha jkun ta' detriment u jista jkollu konsegwenzi serji hafna. Ix-xhud qalet li fil-fehma taghha piena karcerarja kienet l-unika soluzzjoni ghal Joseph Camilleri ghaliex barra milli sservi ta' prevenzjoni tghin wkoll biex hu jircievi dixxiplina li tant ghandu bzonn.

Illi nhar l-hmistax ta' Dicembru 2004 regghet xehdet **l-Ufficjal tal-Probation Mary Anne Zammit** [fol 59] fejn qalet li in segwitu ghax-xhieda precedenti taghha, hi kienet irceviet informazzjoni li anke t-tfajla tieghu kienet telqitu. Qalet li minn dakinhar pero hu beda jattendi b'mod regolari ghal counselling. Qalet li l-ewwel urine test kien positive pero t-tlieta ta' wara kienu negattivi. Qalet li Joseph Camilleri kien ippresentalha ittra li turi li kien ser jibda jahdem ma certu James li ghandu xi tanker tal-administration u li meta dan kien gie kkuntattjat dan kien stqarr maghha li kien lest jimpjegah wara l-festi. Qalet li

donnu Joseph Camilleri kellu certa volunta u li jekk jittiehdu certi mizuri kontra tieghu dan jista jingieb fuq t-triq t-tajba.

Illi nhar l-hmistax ta' Dicembru 2004 deheret **Joyce Damato** [fol 61] fejn esibit rapport dettaljat maghmul minn key worker David Azzopardi li gie mmarkat bhala dokument DC [fol 62]. Minn ezami ta' dan r-rapport jirrizulta li Joseph Camilleri kien qed jzomm kuntatt regolari mal-Agenzija Sedqa, li kien ser jkollu impjieg ma certu James li kienu kuntrattur minn Jannar 2005, li bhala skala ta' progress tieghu minn wiehed sa ghaxra hu kien ikklassifikah fit-tmin grad, u li kien qed jirresjedi mal-ġenituri tieghu. Jirrizulta wkoll li l-fatt li kien qed jattendi prayer group dan ghamel progress kbir fih.

Illi nhar t-tnejn ta' Frar 2005 regghet xehdet **l-Ufficjal tal-Probation Mary Anne Zammit** [fol 66] fejn qalet li mill-ahhar darba li xehdet u cioe mill-hmistax ta' Dicembru 2004 gie registrat progress fis-sens li Joseph Camilleri kien sab xoghol u kellu impjieg fiss ghalkemm kien ghadu mhux bil-ktieb. Qalet li dan zamm kuntatt wkoll mas-Sedqa u li kien ghadda xi dokumenti lil Josette Camilleri. Qalet li meta kellmet lil David Azzopardi dwar l-amdament ta' Joseph Camilleri, dan taha informazzjoni posittiva fil-konfront tieghu u din il-posizzjoni ahharija baqghet l-istess sal-ghoxrin ta' April 2005 meta l-istess Probation Officer irrepetiet l-posizzjoni kif spjegat minnha fis-seduta tat-tnejn ta' Frar 2005.

**Illi llum il-gurnata jidher li l-imputat probationer JOSEPH CAMILLERI rega' qabad t-triq t-tajba, pero' ma hemmx dubbju li f'xi zmien waqt matul il-perjodu ta' probation moghti lilu mill-Qorti nhar t-tnax ta' Dicembru 2000, huwa naqas li jobdi d-direttivi moghtija lilu mill-Ufficjal tal-Probation. Illi in segwitu ta' dan in-nuqqas, il-Qorti tiddikjara li huwa kiser l-ordni tal-Probation mghotija lilu u konsegwentement qed tikkunadannah ghal amenda ta' mitt lira Maltin (Lm100) ai termini tal-artikolu 21(2) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre stante t-trapass taz-zmien u cioe` kwazi hames snin minn meta nghatat is-**

**sentenza originali mill-Qorti, din il-Qorti kif preseduta ma thossx illi ghandha testendi l-ordni tal-Probation.**

**Tordna li kopja ta’ din is-sentenza tinghata lill-Ufficjal tal-Probation Maryanne Zammit.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------